MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 994/2011

**Talba Nru: 994/11 DMA**

**Socjeta' 360 Food Imports Ltd**
**Vs**
**Jesmond Tonna**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Novembru, 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitt Ewro (€100) liema ammont huwa dovut ghall-merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bil-ispejjez tal-kawza kif ukoll tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Jannar, 2011 u bl-imghax legali mis-17 ta' Jannar, 2011 sal-effett pagament.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-26 ta' Jannar, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitt Ewro (€100) flimkien mal-imghax mis-17 ta' Jannar, 2011 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------